A.L. 70 ta' l-1989

ATT TA' L-1976 DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (ATT NRU. XV TA' L-1976)

Ordni ta' l-1989 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 6)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1989 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 6).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fil-paragrafu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mit-12 ta' Mejju, 1989.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(a) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern Tal-Fuklar, limiti ta' Ħ'Attard:

(i) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 103 sa 119 tal-kejl ta' madwar 6,528 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral, Lbiċ u Grigal ma' proprjetà tal-Gvern;

(ii) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 145 sa 153 tal-kejl ta' madwar 1,872 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral, Lvant u Punent ma' proprjetà tal-Gvern;

(ĭii) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 159 sa 171 tal-kejl ta' madwar 2,576 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral, Lbiċ u Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern.

(b) Biċċa art li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern Ta' Kavallerizza, limiti ta' Marsaxlokk, li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 92 sa 98 tal-kejl ta' madwar 1,506 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, Nofs-in-Nhar, Xlokk u Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern.

(ċ) Flat bin-numru 1, Blokk D-1, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Triq id-Duluri, Gwardamanġa (Rural Tenement No. 5026).

(d) Id-dar bin-numru 48, *Estate* tad-Djar tal-Gvern Ta' Mliet, Triq l-Istrinġell, Mosta.

(e) Id-dar bin-numru 51, *Estate* tad-Djar tal-Gvern Ta' Mliet, Triq l-Istrinġell, Mosta.

(f) Flat bin-numru 3, Blokk D3, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Triq il-Kultellazz, Mosta.

(g) Flat bin-numru 2, Blokk II, Bieb A, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Siġġiewi.

(ħ) Id-dar bin-numru 7, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Ta' Xbiex.

(i) Flat bin-numru 2, Blokk E3, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Triq id-Deffa, Ta' Xbiex.

(j) Flat bin-numru 2, Blokk B2, *Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' Hal-Mula, Żebbuġ.

(k) Flat bin-numru 3, Blokk B3, *Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' Hal-Mula, Żebbuġ.

(l) Id-dar bin-numru 107, Triq il-Ħuxlief, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Żejtun.

(m) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern taż-Żurrieq, Tal-Bebbux II, limiti taż-Żurrieq, li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 37 sa 42 tal-kejl ta' madwar 1,115 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral, Xlokk u Grigal ma' proprjetà tal-Gvern.